Verzjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,727, 29 ta' Ottubru, 2021
Taqsima B

A.L. 408 tal-2021

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP. 12)

Regolamenti tal-2021 li jemendaw l-Iskeda li tinsab mar-Regolamenti dwar il-Proċedura Ċivili (Regolament tar-Reġistri, Arkivji u Funzjonijiet tad-Direttur Ġenerali tal-Qrati u ta' Uffiċjali Eżekuttivi tal-Qorti Oħra)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 1009A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-Ministru għall-Ġustizzja u l-Governanza għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 li jemendaw l-Iskeda li tinsab mar-Regolamenti dwar il-Proċedura Ċivili (Regolament tar-Reġistri, Arkivji u Funzjonijiet tad-Direttur Ġenerali tal-Qrati u ta' Uffiċjali Eżekuttivi tal-Qorti Oħra) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mal-Iskeda li tinsab mar-Regolamenti dwar il-Proċedura Ċivili (Regolament tar-Reġistri, Arkivji u Funzjonijiet tad-Direttur Ġenerali tal-Qrati u ta' Uffiċjali Eżekuttivi tal-Qorti Oħra), hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "l-Iskeda". L.S. 12. 21.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2021.

Jissostitwixxi l-Iskeda.

2. L-Iskeda għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

"**Skeda**
Regolament 6A

Qorti	Att Ġudizzjarju
Il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili	(i) Ittri uffiċjali li ma jirrikjedux illi l-persuna li tkun qiegħda tippreżenta l-istess tieħu l-ġurament fuq l-istess att
Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ	(i) Rikorsi ġuramentati (ii) Rikorsi li bihom tinbeda proċedura kontenzjuża
Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja)	(i) Rikors ġenerali (ii) Rikors ġuramentat (iii) Risposta ġuramentata

Verzjoni Elettronika

Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja)	(i) Rikors skont l-artikolu 4(4) tal-Att dwar Reġistrazzjoni għall-Protezzjoni tal-Minuri
Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)	(i) Ittri uffiċjali li ma jirrikjedux illi l-persuna li tkun qiegħda tippreżenta l-istess tieħu l-ġurament fuq l-istess att (ii) Rikorsi li bihom tinbeda proċedura kontenzjuża

".